Minuti tas-seduta numru sebgħa u ħamsin (57) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar is-6 ta' Diċembru 2022 fis-6:14pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

| | | |
|---|---|---|
| 57.01 | **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**<br>Il-membri qalu t-talba tal-bidu flimkien u s-Sindku, is-Sur Sandro Craus, ippresjeda l-laqgħa. Is-SE qal illi ċemplulu u bagħatulu messaġġi ta' talbiet ta' apoloġija is-Sinjuri, Rudolph Grima, Janice Busuttil u Nazju Cassar. Dawn l-apoloġiji kienu aċċettati u kienu approvati unanimament mil-kunsillieri preżenti. | Talba, Ittri ta' Aploloġija |
| 57.02 | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru sitta u ħamsin (56)**<br>Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu mressqa għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u kienu sekondati mis-Sur Christopher Farrugia, u dawn kienu approvati u ffirmati b'vot unanimu mingħajr korrezzjonijiet. | Minuti tas-seduta 56 |
| 57.02 | **Punti mill-Minuti** | |
| 57.02.01 | Dwar l-aġġornament f'hiex wasal ix-xogħol ta' kostruzzjoni fil-Bini Amministrattiv fi 8, Triq l-Isptar, is-Sindku u s-SE qalu illi dan wasal fil-fażi fejn inqalgħu u ġew mibdula s-soqfa fit-tielet sular. Wasalna biex wara l-festi nibdew dawk tat-tieni sular. Bħalisssa hu wieqaf ix-xogħol minħabba li l-bennej Mario, qiegħed jirkupra wara aċċident li seħħ fuq l-istess sit.<br><br>Kien hemm diskussjoni dwar is-sejba ta' ħnejja fil-bitħa li bħalissa qed issostni l-ħajt tal-kċina propjament fuq il-bir. Intwera' fuq l-iscreen ir-riżultat tas-survey li jidher li l-bir jibqa' sejjer għal fejn ġej il-lift. Is-Sur Matthew Chetcuti tkellem fuq lift pitless; deskritt bħala fuq u isfel. Se nikkomunikaw mas-Sur Thomas Tanti ħalli jikkonfermalna jekk hux minnu li taħt il-lift se jkun hemm il-vojt. | Xogħol fl-ufficċju amministrattiv<br><br>Bir vs Lift |

| | | |
|---|---|---|
| 57.03 | **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 342 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 61**<br>Kienu approvati unanimament iċ-ċedola tal-pagamenti numru 342 mingħajr korrezzjoni kif ukoll dik tal-Works/Purchases Order numru 61. Fil-każ tal-istimi tat-tindif tal-bir li hemm fil-latrina ta' Triq il-Kulleġġ inqatgħet l-istima ta' l-għola offerent filwaqt li kien propost illi nippruvaw inġibu dawn ix-xogħlijiet mill-ħaddiema tal-Gvern biex niffrankaw l-ispiża, minkejja li din se tkun irkuprata mill-iskema tal-funtani tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali peress li din hija wkoll il-ħażna tal-funtana fi Triq il-Kulleġġ. | Ċedoli tal-pagamenti u xogħlijiet/xiri |
| 57.04 | **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**<br>Ma kienx hemm. | |
| 57.04.01 | Is-Sur Kris Grech staqsa jekk hux possibbli li jitpoġġa bus shelter fi Triq is-Sajf ta' San Martin 'il barra mil-Baħrija propjament fejn it-triq li tinfired fil-forma ta' Y li tmur minnha wkoll lejn il-Kamra tan-Nar ta' San Ġużepp. Se nikkuntattaw lill-kuntrattur Faces dwar din il-possibilità. | Bus Shelter fi Triq is-Sajf ta' San Martin |
| 57.05 | Talba għal kumpens -<br><br>**(I) ħsara fuq vettura fi Vjal il-Ħaddiem (Kola Vella)**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ra u ddiskuta fit-tul din it-talba u kien deċiż illi bħal drabi oħra ninfurmaw lil min qed jitlob il-kumpens illi peress li r-rapport ma sarx dak in-nhar li seħħ l-inċident, ma nistgħux noqgħodu fuq il-kelma tal-individwu minħabba nuqqas ta' provi li dan ġara f'dan is-sit, fuq tappiera fi Vjal il-Ħaddiem, u f'dik il-ġurnata.<br><br>**(II)Ħsara fuq vettura fi Vjal il-Ħaddiem (Annabella Micallef)**<br>Kien diskus il-każ dwar din it-talba ta' Gasan & Mamo f'isem Josianne Carabott peress li dan ġara fl-istess sit indikat f'(I). Kien innutat illi r-rapport l-Għassa sar fl-istess ġurnata li seħħ l-aċċident - fl-eqqel tas-Sajf meta sfrundat il-manhole. Il-KLR se jirrispondi bl-avukat tiegħu bla preġudizzju illi din it-triq m'hix fir-responsabbiltà tal-Kunsill.<br><br>Minħabba l-ammont ta' ħsarat li qed ikun hemm fuq manholes fi Vjal il-Ħaddiem, ittieħdet id-deċiżjoni illi l-KLR jinforma lil Transport Malta illi se jispottja bil-welding kull manhole mal-frame biex żgur ma jogħlewx 'l fuq fil-maltemp u jweġġgħu ix-xufiera u jagħmlu aktar danni fil-vetturi tagħhom. | Talbiet għall-kumpens |
| 57.06 | **Rapport ta' Evalwazzjoni ta' Offerta ta' General Hand**<br>Dwar dan ir-rapport is-SE kien mistoqsi x'hinuma l-irwoli tal-General Hand, jekk l-overtime hux awtomatiku jew skont l-esiġenzi tal-Kunsill, u diversi mistoqsijiet oħra li r-risposta tagħhom ingħatat dak il-ħin stess minn fuq is-sistema EPPS li kienet disponibbli minn fuq l-iscreen waqt il-laqgħa. Il-KLR se joqgħod fuq ir-rakkomandazzjoni tal-bord u l-kuntratt se jingħata fil-jiem li ġejjin; nilqgħu l-appelli jekk ikun hemm fil-perjodu stipulat. | General Hand |

| | | |
|---|---|---|
| 57.07 | **Ismijiet tat-toroq : Triq l-Inkurunazzjoni, Triq iċ-Ċens l-iswed u triq mingħajr isem f'Wied il-Qlejgħa u talba oħra għal diversi toroq rurali f'Landrijiet u l-Kunċizzjoni**<br>Se jkunu mgħoddija lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq dawk il-proposti li kienu saru mill-eks impjegat tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, is-Sur Paul Grech. Dawn huma proposti ta' ismijiet fil-Andrijiet u il-Kunċizzjoni. Dawn it-toroq kienu murija fuq site plan fuq l-iscreen waqt il-laqgħa.  Se nissottomettu l-proposti uffiċjalment fil-jiem li ġejjin.<br><br>Dwar il-proposta tal-Kumitat tat-Tismija tat-toroq fi triq f'Wied il-Qlejgħa, ma kienx hemm oġġezzjoni mil-KLR filwaqt li l-KLR mhux qed jaqbel ma' Triq l-Inkurunazzjoni għaliex is-sit fil-HE t'Għeriexem dejjem nafuħ bħala Pjazza u mhux Triq. Pero' m'hemmx oġġezzjoni għall-isem propost mil-KLR – L-Inkurunazzjoni, hija marbuta ma' avveniment li kien seħħ fil-Festa ta' San Ġużepp.<br><br>Dwar l-isem vakanti f'Wied il-Qlejgħa naqblu illi din tkun tissemma' Trejqet il-Qabru. | Landrijiet u l-Kunċizzjoni<br><br>Pjazza Inkurunazzjoni u mhux Triq l-Inkurunazzjoni<br><br>Wied il-Qlejgħa |
| 57.08 | **Talba għal żieda fir-rata tal-Bulky Refuse Services – kuntratt skadut  (sakemm ikun evalwat it-tender)**<br>Kien hemm qbil unanimu sabiex ir-rata tkun tirrifletti il-prezzijiet tas-suq in vista illi għolew l-ispejjeż tal-fuel u anke l-pagi. Dan sabiex ma jkunx hemm xogħol bil-prekarjat. | Ir-rata tal-kuntratt |
| 57.09 | **Attivitajiet tal-Milied**<br>Il-Kunsill se jimxi rigorożament mal-pjan li kien sar u hemm qbil miegħu mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Madankollu kien hemm attivitajiet oħrajn li se nieħdu parti fihom. Dawn huma *Għar ta' Mħabba* li se tkun organizzata mill-Parroċċa tar-Rabat fil-festa tal-Kunċizzjoni u *Car Wash* li se jkun organizzat nhar l-10 ta' Diċembru, 2022 fil-parkeġġ f'Wesgħet Anton Agius. | Għar ta' Mħabba u Car Wash |
| 57.10 | **Terminazzjoni tal-kuntratt tal-ġbir ta' skart bieb bieb minn WM Environmental u dak riċiklabbli minn Greenmt, mill-1 ta' Jannar 2023**<br>Il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart bieb bieb se jagħlaq fl-aħħar ta' Diċembru 2022. Ir-Reġjun Punent għadu se jibgħat għall-kuntrattur sabiex jiffirma t-tender u għaldaqstant il-proċess għadu mhux konkluż. Dan l-istess tender se jkun jinkludi wkoll il-ġbir tal-iskart riċiklat kif ukoll dak tal-ħġieġ. Għaldaqstant l-iskemi se jkunu qed iwaqqfu dan il-ġbir ta' skart mill-aħħar ta' Diċembru 2022. Ġejna avviċinati mir-Reġjun sabiex noffru lill-kuntrattur tagħna *WM Environmental* sabiex jestendi l-kuntratt li għandu għal perjodu indefinit tas-sena 2023. Iltqajna | Ġbir ta' skart |

| | | |
|---|---|---|
| | miegħu u dan talab 40% żieda fil-prezz u estenzjoni ta' mhux inqas minn sena. | |
| 57.11 | **Proposti għall-Budget 2023 – l-ewwel draft preżentat**<br><br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat sar jaf uffiċjalment bl-ammont ta' allokazzjoni governattiva li se jkun qed jgħaddielna d-Dipartiment għall-Gvern Lokali, nhar id-29 ta' Novembru 2022. L-ewwel draft tal-budget 2023 kien approvat b'vot unanimu u dan se jkun qed jirrifletti din l-ispiża kapitali:<br><br>€50,000.00 - Ġnien tal-Baħrija<br>€100,000.00 - Pavimentar ta' Sqaqien<br>€529,000.00 - Ġnien San Duminku<br>€200,000.00 - Uffiċċju Muniċipali<br><br>Dan id-draft kien approvat b'vot unanimu.<br><br>Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus qal illi l-KLR għandu jkollu viżjoni – short term għal tliet snin anke bħala pjan tat-traffiku, u ieħor long term għal għaxar snin bil-prijoritajiet kollha ċari quddiemu. | Budget 2023 |
| 57.12 | **Data bi tħejjija għal-Laqgħa pubblika tal-lokalità**<br>Kien deċiż illi l-laqgħa pubblika tal-lokalità ssir f'Jannar 2023 permezz ta' Facebook Live kif sar fil-pandemija minħabba li din kellha aktar attendenza minn meta saret fiżikament. | Laqgħa pubblika tal-lokalità |
| 57.13 | **Talba biex jiġġedded il-Vacation leave ta' Naiomi Bugeja Micallef mill-2022 għall-2023**<br>Mat-talba biex jiġġedded il-Vacation Leave ta' Naiomi Bugeja Micallef żdiedet dik ta' Caroline Farrugia. Dawn it-talbiet kienu approvati unanimament. | Vacation Leave |
| 57.14 | **Talba biex is-CCTV mir-Reġjun Punent issir fi Triq Kan G Gatt Said quddiem l-Iskola biswit ir-reċipjent tat-tessuti**<br>Kien hemm qbil unanimu illi s-CCTV camera li se jinstalla ir-Reġjun Punent issir fi Triq Kan G Gatt Said fl-inħawi tal-iskola li qed jestenduha b'sular ieħor u li se tiftaħ f'Settembru 2023. | CCTV |
| 57.15 | **Talba biex posta numru 9 tal-Monti tinqaleb fuq bejjiegħ ieħor u ċaqlieq ta' posti minn quddiem l-Għassa tal-Pulizija**<br><br>Fil-fatt il-posta li kien hemm it-talba għaliha mis-Sur Muscat għar-raġuni ta' mard, kienet irtirata. Madankollu kien hemm talba minn xi ħaddieħor. | Posti tal-kabbani tal-monti. |

| | | |
|---|---|---|
| | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus spjega illi sadanittant, kellna laqgħa mas-Supritendent il-ġdid, is-Sa Sandra Zammit fejn talbitna sabiex il-posta 93a u 93b tinqala' minn posta minn fuq in-*no parking* tal-pulizija u titpoġġa xi mkien ieħor. Tlabna laqgħa mal-GWU u dawn permezz ta' bejjiegħa oħra tal-monti li ġabu magħhom, qalulna illi ma jaqbilx illi nċaqilqu lil kulħadd 'l isfel. Għaldaqstant fuq suġġeriment tagħhom kien deċiż illi is-Sinjuri Agius jingħataw il-posta ta' Nikolai Buhagiar Brincat li qalu illi ilu ma jarmaha. Kien konfermat mill-attendenzi ta' Ġunju 2021 illi dan ma kienx irmaha għal sitt darbiet konsekuttivi.<br><br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat iddikjara din il-posta vakanti u allokaha b'vot unanimu lis-Sinjuri Agius. Se tinkiteb ittra reġistrata lil Nikolai Buhagiar Brincat u ninfurmaw lill-Pulizija b'dan kollu. Mill-informazzjoni li għandna wara li s-Sinjuri Agius irmaw din il-posta nhar il-Ħadd, 4 ta' Diċembru 2022, is-Sur Nikolai Buhagiar Brincat se jitla' jarma l-posta hu nhar il-Ħadd, 11 ta' Diċembru 2022. | |
| 57.16 | **Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tat-tielet kwart (anness mal-agenda)**<br>Ir-rapport tat-tielet kwart tas-sena 2022 kien approvat b'vot unanimu wara li kien diskuss fit-tul. Dan jirriżulta f'deficit ta' €36,818 li ġej mill-ammont eżorbitanti u fittizju ta' deprezzament tal-assi tal-Kunsill Lokali tar-Rabat. | 3 Qrt Fin Rpt |
| 57.17 | **Punti Oħra** | |
| 57.17.01 | Is-Sur Christopher Farrugia tkellem dwar il-bżonn li jingħata permess mil-Kunsill biex ikun jintrama crane f'Tal-Virtù minn fejn tgħaddi tal-linja. Is-SE qal illi jekk it-triq se tingħalaq anke fuq karreġġjata waħda, ikun hemm bżonn gwardjan lokali. | Permess għat-twaqqif ta' Crane |
| 57.17.02 | Is-Sur Christopher Farrugia tkellem fuq il-bżonn li tissewwa l-bankina fi Triq il-Konti Ruġġieru kantuniera ma' Triq Santa Marija. Is-SE qal li se jgħaddi l-ilment lill-handymen, is-Sri Brian Caruana l-kollega tiegħu, Quinton Gauci. | Manutenzjoni fuq bankina |
| 57.18 | **Petizzjoni mir-Residenti ta' Triq Cosmana Navarra u Sqaq fi Triq San Franġisk**<br>Il-KLR jaqbel perfettament illi mhux idejali illi ssir *swimming pool* fil-Foss ta' San Pawl. Is-SE kien bagħat jinforma lill-kunsillieri biex jiġu jiffirmaw petizzjoni li inżammet għal xi jiem fil-Muniċipju. Dan b'riferenza għall-applikazzjoni PA6720/22. Se ssir oġġezzjoni bħala Kunsill Lokali għal dan l-iżvilupp. Dan minkejja li d-data li fiha skada ż-żmien tar-rappreżentazzjonijiet kienet it-2 ta' Diċembru 2022 u s-SE kien iffirmaha mhux fil-vesti tiegħu ta' Segretarju Eżekuttiv għaliex ma kienetx diskussa. | PA6720/22 |

| | | |
|---|---|---|
| 57.19 | **Petizzjoni mir-Residenti ta' Sqaq fi Triq Indri Borg**<br>Dwar it-talba sabiex terġa' titwaħħal bollard fi Sqaq numru 2, Triq Indri Borg, ittieħdu dawn id-deċiżjonijiet. Irid ikun hemm qbil bejn dawk kollha li joqgħodu f'dan l-isqaq, u naraw jekk dan hux uffiċjalment pedonali. Jekk jirriżulta fl-affermattiv din tista' titpoġġa u tkun tista' tinqala' f'każ ta' emerġenza. | Bollard fi Sqaq 2, Triq Indri Borg |
| 57.20 | **Rapport tal-Awditur Ġenerali tal-2021 dwar il-Kunsilli Lokali**<br>Ir-rapport tal-Awditur Ġenerali tal-2021 kien diskuss u jidher illi l-Kunsill Lokali tar-Rabat kellu 'a clean sheet'. Għaldaqstant ma kienx hemm x'wieħed jiddibatti u dejjem tajjeb li jkun hemm kontrolli 'checks and balances'. | Rapport finanzjarju 2021 skont l-Awditur Ġenerali |
| 57.21 | **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.**<br>Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-11 ta' Jannar 2023 fis-6.00pm u din spiċċat fit-8:45pm. | Aġġorname nt |

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 11.1.23 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku